MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2012

Numru 634/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jason Sultana]**

**vs**

**Boutiba Bakhta**

**Illum 17 ta’ Gunju 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija **Boutiba Bakhta** ta’ 18 il-sena, bint Bentekouk u Fatima nee’ Boutiba, imwielda l-Algeria fis-27 ta’ Mejju, 1994, residenti 110 Hotel Plevna Hughes Hallet Street Sliema u detentrici tal-karta tal-identita Algeriza bin-numru F 378005865.

Akkuzata talli nhar il-15 ta’ Gunju 2012 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ filghaxija gewwa l-istabbiliment bl-

isem BHS li jinsab Triq ix-Xatt Sliema kkommettiet serq ta' mobile phone tad-ditta Iphone 4s liema serq jeccedi l-valur ta' €232.94 izda huwa inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna ghad-detriment ta' Michael Alexander Gavin detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 44198A u dan bi ksur ta' artikoli 261(c)(d) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.
Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, il-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li hija hallset lid-derubat il-valur ta'l-oggett misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------